MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 77/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Alfred Tonna**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alfred Tonna talli fit-30 ta' Awissu 2003 ghall-habta tal-11.30 fix-Xatt ta' Pinto, Floriana,

1. Ghamel jew ippermetta l-uzu tal-vettura GAA-418 ghal skopijiet ohra barra dawk li hi licenzjata ghalihom;

2. Ghamilha ta' 'Taxi Driver' u saq l-imsemmija vettura Nru. GAA-418 u uzaha ghall-kiri ghal qliegh minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija,

jew mill-Awtorita` dwar it-Transport ta’ Malta taht kategorija B-1 jew minghajr licenzja specifikata ghal dan il-ghan;

3. B’hekk ma kienx kopert bil-Polza tas-Sigurta` dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat milli ttieh jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ mhux inqas minn tnax-il xahar;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta’ Marzu 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Alfred Tonna hati ta’ l-ewwel u t-tielet akkuzi filwaqt li ma sabitux hati tat-tieni akkuza stante li ma tirrizultax u kkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ Lm300 u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sittin (60) jum mid-data ta' dik is-sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell tas-26 ta’ Marzu 2004 ta’ l-imsemmi Alfred Tonna li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-15 ta’ Marzu 2004, u tillibera lill-appellant minn kull htija u piena u fin-nuqqas tbiddel is-sentenza billi tapplika piena anqas onoruza u li s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tkun inqas harxa fic-cirkostanzi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni ta' Dott. Michael Sciriha ghall-appellant u ta' Dott. Anthony Barbara ghall-appellat Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant isostni li fil-gurnata in kwistjoni "jidher" li ma kienx qieghed jaghmilha ta' *taxi-driver* ghax kien qieghed id-dar. Ghalhekk l-aggravju tieghu huwa fis-sens li m'ghandux ikun penalizzat minhabba zball genwin.

Din il-kwistjoni tidher li giet investigata mill-ewwel Qorti peress li fil-verbal tas-seduta tal-15 ta' Marzu 2004 quddiem dik il-Qorti hemm imnizzel testwalment hekk:

"Xehed bil-gurament l-imputat.

Fuq talba tal-prosekuzzjoni, il-Qorti tordna konfront ma' P.S. 57.

L-imputat iddikjara li dakinhar kien id-dar mal-familja tieghu u li l-karozza ma kienx uzaha dakinhar.

Il-Qorti ordnat ukoll konfront ma' P.C. 33."

Issa, bhalma dejjem gie ritenut, huwa principju stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Din il-Qorti semghet mill-gdid ix-xhieda tal-prosekuzzjoni - l-appellant, li kien xehed quddiem l-ewwel Qorti, ghazel li ma jixhidx f'dan l-istadju. Mix-xiehda ta' P.S. 57 Raymond Caruana u ta' P.C. 33 Anthony Chircop insibu konferma tad-data li fiha l-appellant twaqqaf mill-Pulizija bhala t-30 ta' Awissu 2003, cioe` d-data skond ic-citazzjoni. M'hemm l-ebda prova li tikkontradici x-xhieda taghhom u l-ebda

[1] Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004 u gurisprudenza hemm citata.

prova li tissostanzja dak li l-appellant allega fir-rikors ta' appell. Ghalhekk din il-Qorti ssib li l-aggravju ta' l-appellant mhuwiex gustifikat u qieghed jigi michud.

Dwar il-piena jrid jinghad li l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[2]. Fil-kaz in ezami l-appellant gie kkundannat ghall-hlas ta' multa ta' tliet mitt liri (Lm300) u ghal skwalifika milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta' sittin (60) jum. Meta jitqies li dwar it-tielet imputazzjoni, cioe` dik li l-appellant ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, il-piena fil-kaz ta' l-ewwel reat hija ta' multa ta' mhux anqas minn elf lira (Lm1,000) izda ta' mhux izjed minn elfejn lira (Lm2,000) jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tliet xhur, jew il-multa u l-prigunerija flimkien[3], u li z-zmien ta' skwalifika ghandu jkun ta' tnax-il xahar (hlief jekk il-Qorti ghal ragunijiet specjali tikkunsidra li tordna mod iehor u minghajr pregudizzju ghas-setgha tal-Qorti li tordna zmien itwal ta' skwalifika)[4], il-piena li nghatat mill-ewwel Qorti tirrizulta sew taht il-minimu. Ghalhekk din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex tvarja l-piena nflitta.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

2 Ara, per ezempju, Appell Kriminali **il-Pulizija vs Andrew George Stone** 12 ta' Mejju 2004.
3 Artikolu 3(2)(a) tal-Kap 104.
4 Artikolu 3(2A) tal-Kap 104.